Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.safilc.gov.mt

# Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi
## Id-Disgħa Leġiżlatura
## Laqgħa Numru 2/2026

23 ta' Frar, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-6:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:
Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

### 2.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet ser tidħol għal laqgħa aktar tard. Hija ġiet skużata.

Is-Sindku qal li l-ewwel item li kien ser jiddiskutu kienu l-Financial Statements 2025 peress li kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill.

**2.4 Rapporti**
**Approvazzjoni Estimi Finananzjarji 2025**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Estimi finanzjarji tas-sena 2025 lis-Sindku u l-Kunsillieri. Hawn l-accountant tal-Kunsill spjega l-Financial Statements lill-Kunsill. Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2025. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Approvazzjoni Q4 Quarterly Financial Satements 2025**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tar-Raba Kwart Q4 Financial Satements 2025 lis-Sindku u l-Kunsillieri. Hawn l-accountant tal-Kunsill spjega dan ir-rapport. Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tar-Raba' Kwart (Q4) tal-Financial Statements għas-sena 2025. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti u tal-laqgħa pubblika. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.1.1 Is-Sindku qal li xtaq jiċċara li l-ewwel paragrafu tat-tieni paġna mill-Minuti tal-Laqgħa Pubblika li l-*culverts* kien jinħtieġ li jsiru fi Triq iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq l-Iskola u mhux fejn id-dar tal-Kappillan.

2.1.2 Is-Sindku kkonferma li ref punt 1.1.5 (CCTV fil-pjazza) din issa kienet qed taħdem u qed jinħarġu il-kontravenzjonijiet.

2.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 1.1.8 (totems) iż-żmien li l-ħwienet setgħu jagħtu r-risposta fejn xtaqu t-totems kien għalaq għalhekk issa kien jinħtieg li nordnawhom u nweħħluhom.

2.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 1.2.11 (żebra crossing *fis-service road* ta' Triq il-Kuċċard) huwa kien tkellem ma' *Transport Malta* fejn qalulu biex il-Kunsill jirranġaha. Is-Sindku kkonferma li l-*parking bays* li kien hemm tneħħiet u minflok saret *parking bay* għal mutur u vice-versa.

2.1.5 Is-Sindku qal ref punt 1.3.8 (mobile unit tal-pressjoni u demm) kien ser jiġi fil-lokalita' ta' Hal Safi f'April.

2.1.6 Is-Sindku qal ref punt 1.3 (football ground attendant) kien rega' bdielu u għalhekk il-Kunsill kien reġa' ġie bla attendant għall-grawnd tal-futbol.

2.1.7 Is-Sindku qal ref punt 1.1.3 (*Eco Active Citizens for a Sustainable Europe*) għall-ewwel żewġ attivitajiet kien sejjer il-Viċi Sindku Francis Callus u jekk ma kienx jista' xi ħadd mill-Kunsillieri kien qed jipproponi li għat-tielet attivita' tattendi s-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla daħlet għal-laqgħa 18.20

## 2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.2.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar kien attenda laqgħa mal-President tal-SME's u s-sidien tal-pompa tal-petrol. Huwa qal li waqt l-istess laqgħa sid il-pompa baqà jesiġi li kemm ilu li ġie fis-seħħ it-*traffic management* kien naqaslu l-bejgħ. Is-Sindku spjega li huwa kien fehmhom li l-Kunsill kellu l-permessi kollha meħtieg u li t-*traffic management* kien ġie approvat minn *Transport Malta* u fuq kollox it-*traffic managment* kien proġett għal gid tal-lokalita'. Apparti minn hekk, is-Sindku qallu li l-Kunsill kien żamm mal-ftehim milħuq f'meeting li kien sar fl-uffiċini ta' Transport Malta, cioe', li Triq Dun Karm Lia terġa' tinfetaħ two-way mal-implimentazzjoni tat-*traffic management*. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien ser jibqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu madanakollu sid il-pompa baqa' jinsisti li kien ser jiġġilidha u l-Kunsill kien irċieva ittra minngħand l-avukat ta' sid il-pompa. Is-Sindku qara l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand l-avukat tal-pompa, u wara qara r-risposta tal-Kunsill mibgħuta mill-avukat tal-Kunsill.

2.2.2 Is-Sindku qal li, flimkien mal-perit tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 28 ta' Jannar 2026 kien attenda laqgħa l-*Planning Authority* rigward il-permess sabiex jinbena sular ieħor fuq il-binja tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li fil-*local plan* l-ogħli li seta' jinbena fuq il-binja tal-Kunsill kienet tidher b'mod differenti mill-binjiet tal-madwar li diġa' tellgħu 4 sulari. Waqt il-laqgħa mal-PA il-Kunsill kellu konferma li l-bini ma setax jaqbeż l-għoli ta' 11.4 metri. Huwa qal li l-Perit tal-Kunsill kien ikkonferma li jekk nibnu sular ieħor ma nkunux qed naqbżu dan l-għoli. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal bini ta' sular ieħor. Is-Sindku qal ukoll li kien iċċekkja mal-PA rigward il-fondi allokati lill-Kunsill mill-iskema DPF, u għandu konferma li l-Kunsill għandu l-ammont ta' madwar 333,000 ewro li jistgħu potenzjalment jintużaw għall-dan il-proġett.

2.2.3 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 2 ta' Frar, 2026 kien attenda laqgħa r-Regjun Punent fejn il-Kunsilli ingħataw rendikont tal-fondi allokati għal din is-sena.

2.2.4 Is-Sindku qal li minħabba li ż-żmien għall-appell il-Qorti rigward l-applikazzjoni PC56/22 kien jagħlaq qabel il-laqgħa tal-Kunsill, għalhekk kien jinħtieg li jitlob għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera permezz tal-email. Huwa kkonferma li l-appell kien sar pero' ma jidhirx li kien hemm xi spejjeż kbar.

2.2.5 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar, 2026 kienet saret laqgħa mal-*Public Works* rigward xogħolijiet ta' bankini. Huwa spjega li waqt din il-laqgħa kienu ddiskutew ix-xogħolijiet ta' bankini fi Triq it-Torri ta' Gawhar u Triq Salvu Cauchi.

2.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien installa' CCTV camera fi Triq in-Nassaba u li l-app għal din il-camera ma setgħetx issir fuq kompjuter jew laptop iżda fuq *android system*. Is-Sindku qal li għalhekk kien qed jipproponi li l-Kunsill jixtri tablet sabiex tiġi nstallata l-app tal-camera li nstallajna fi Triq in-Nassaba. Il-Kunsill qabel.

2.2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex isir site visit fi Triq Qerd in-Naħal sabiex jiġu diskussi x-xogħolijiet f'din it-Triq. Huwa fakkar lill-Kunsilliera li huwa pjanat li jsiru l-Istorm Water Culverts kif ukoll titqaxxar u jsir it-tarmak mill-ġdid.

2.2.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien lesta x-xogħolijiet biex il-Latrina Pubblika ssir *automated.* Huwa spjega li r-Reġjun Punent kienu qalulu li kien għad fadal aktar fondi għal Automated *Public Toilets* u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li bil-fondi nbiddlu c-*changing room* tal-grawnd tal-futbol ukoll sabiex dawn isiru *automated.* Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament.

## 2.3 Mistoqsijiet għall-Kunsillieri

2.3.1 Il-Viċi Sindku qal li aħna ġejjn miż-Żurrieq it-tabella 'Merhba Ħal Safi' kienet telqet. Is-Sindku kkonferma li din kienet inkisret bir-rih qawwi, però peress li l-HSBC kien biddel l-ownership kienu qed jistennew il-kumpanija ġdida. Is-Sindku qal li minħabba li jista' jkun li jdumu sabiex isiru minn-naħa tal-kumpanija minflok l-HSBC il-Kunsill kellu jitlob kwotazzjoni għall-istess tabella.

2.3.2 Il-Viċi Sindku qal li l-*Motorcycle Bay* fi Triq il-Ħajt Ruman ma kelliex tabella u għalhekk ma setgħetx tiġi nfurzata.

Fuq l-istess nota l-Viċi Sindku ppropona li l-*Parking for Residents* fi Triq il-Ħajt Ruman jinbidlu u jsiru għal ġurnata kollha minflok.

2.3.3 Il-Viċi Sindku qal li kien irċieva ilment li Triq Dun Guzepp Caruana żdiedu l-karozzi li jitilgħu mit-triq id-dejqa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din it-triq ma setgħetx tingħalaq u li l-Kunsill kien ser jibqa' jistudja l-*outcome* f'din it-triq.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li fejn il-Mużew tas-subien ukoll kien hemm ġeġwiġija sħiħa b'ħafna karozzi jsuqu b'veloċita' f'ħin li joħorġu mill-mużew is-subien. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li  ngħidu lil *Community Police* jagħmlu r-ronda tagħhom fil-ħinijiet li jidħlu u joħorġu t-tfal il-mużew.

2.3.4 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li kienet resqet talba għal mera fir-rural biex tara x'ser isir. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsilliera kellha tibgħatlu l-post eżatt fejn kienet għandha teħel il-mera.

2.3.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li din is-sena l-*Via Sagra* kellha ssir nhar it-Tnejn 30 ta' Marzu, 2026. Hija talbet sabiex id-dawra tal-Każin, fejn is-Salib tad-Dejma u ħdejn l-Għassa jeħlu l-avviżi sabiex ma jsirx ipparkjar.

2.3.6 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-Mixja tas-Salib tal-Għolja u l-Mixja ta' Puttinu Care ukoll ser jerġgħu jsiru din is-sena.

2.3.7 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li jekk inhu possibbli l-Kunsill javża lil tal-ħwienet sabiex id-*deliverymen* li jiġu Triq San Tumas ma jgħaddux minn din it-triq iżda minn triq alternattiva.

2.3.8 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fil-maħżen kien hemm l-armar tal-Milied tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk ma' fadal xejn tajjeb għandu jintrema.

**2.4 Rapporti**

**Approvazzjoni Budget għas-sena 2026**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-budget annwali għas-sena 2026 li kien ġie diskuss waqt il-laqgħa pubblika.  Dan ġie approvat biex jiġi uploaded.

**2.5 Jum Ħal Safi**

Is-Sindku qal li din is-sena Jum Ħal Safi ser jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 19 ta' April, 2026

**2.5.1 Premju Onorifiċenza**

Il-Kunsill iddiskuta s-Serata tas-Sibt 18 ta' April, fejn ser jingħata l-Premju għal Ġieħ Ħal Safi. Il-Kunsill qabel li l-bord tal-Premju Onorifiċenza jkun kompost kif ġej:

Il-Membri tal-Bord għal Premju:

| | |
|---|---|
| Tarcisio Barbara bħala Chairperson | Alfred Curmi |
| Publio Abdilla | William Grech |
| Paul Callus | Jimmy Busuttil |
| Eddie Bonello | Gillian Bonello |
| Angela Zammit | Pauline Zammit |
| | Marvic Sciberras |

Il-Kunsill qabel ukoll li bħala *compere* tkun il-Kunsilliera Claire Zammit.

Il-Kunsill qabel ukoll li nistiednu lill-*Novum Ensamble* idoqq waqt is-serata u jinqraw xi poeżiji minn Saviour Sammut u mill-*Grupp Vers Agħtini*. Kien hemm suġġeriment ukoll li bħas-sena l-oħra l-Kunsill jistieden l-kantanti li hawn mir-raħal bil-ħsieb li jagħlqu s-serata b'kanzunetta waħda flimkien. Il-Kunsilliera Claire Zammit ser tkun qed tikkordina mal-kantanti tal-lokal.

Il-Kunsilliera Claire Zammit ipproponiet li ninvolvu l-Kunsill tat-tfal biex jieħdu sehem fis-serata mużikali ukoll. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsilliera Claire Zammit tikkordina mal-*coordinator* tal-Kunsill tat-tfal.

## 2.6 Approvazzjoni Kwotazzjoni Survey Binja tal-Kunsill

Is-Sindku spjega li issa li kellna l-konferma li l-Kunsill seta' japplika għall-permess sabiex jinbena sular ieħor fuq il-binja tal-Kunsill, il-Kunsill kien jinħtieg li jagħmel *survey* tal-binja eżistenti sabiex il-Perit ikun jista' jmexxi għall-applikazzjoni il-*Planning Authority*. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni sabiex isir dan is-survey li kien jammonta €330. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsir dan is-*survey*.

## 2.7 Approvazzjoni Kuntratt Tender PV Panels

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-bord ta' evalwazzjoni kien iltaqa' sabiex jagħmel l-evalwazzjoni tal-offerti li ntefgħu għal dan il-kuntratt. Hija qalet li għall-benefiċċju tal-Kunsillieri li ma kinux fuq il-bord, kienu ntefgħu tlett offerti u li l-orħos żewg offerti ma kinux *Technically Compliant* għalhekk ma' setgħux jibqgħu jiġu konsidrati.

Is-Sindku qal li għalhekk fuq suġġeriment tal-bord tal-għażla, kien qed jirrakkomanda li t-tielet offerti u l-unika offerta li kienet *compliant* kellha tingħata l-kuntratt biex isiru il-PV Panels. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2.8 Skemi Regjun Punent

Is-Sindku qal li kien attenda laqgħa mal-managers tar-Reġjun sabiex ituna rendikont tal-iskemi li l-Kunsill kien jista' jibbenefika minnhom li huma:

**Fondi Kultura** - €10,000 fuq l-attivitajiet kulturali.

Is-Sindku propona li dan l-ammont jinqasam bħas-sena l-oħra cioe' €5,000 għal Festa Familja u €5,000 għall-attivitajiet oħra fosthom il-*Via Sagra* u l-Kuncert tal-Milied. Is-Sindku iddelega lill-Kunsilliera Claire Zammit sabiex tikkordina rigward dawn l-attivitajiet.

- €500 għal World Book Day
- 2 Risk assessments.
- 5 vjaggi ta' trasport għal lokalitajiet ġewwa Regjun Punent.
- Avviż għal attivita' kulturali fuq *Lovin Malta*

**Fondi Ambjent**

- €3,000 bħala *Waste Separation* kemm għal żmien il-festa u anke għal Festa Familja.
- €1,000 Inizjattiva tazza waħda
- €3,000 Major Clean-Up
- €2,000 litter bins jew doggy bins

**Fondi Sports**

- Festival tal-boċċi
- Football Nureries Tournament
- Event tar-roti bħal ma diġà saret fi Triq il-Menqa
- Għajnuna għat-tellieqa Safi 5K.
- Ser issir inizjattiva bir-roti – rotta bir-roti li tgħaqqad il-5 t'irħula ta' wara l-mina

**Korsijiet**

- AED Courses – Ħal Safi 4th March
- Kors tal-presepji
- Kors tal-arti għat-tfal bejn it-8 u 12-il sena.
- Kors tal-Food handling
- Kors għall-użu tal-fork lifter

**Attivitajiet oħra**

- Attivita' ġbir taż-żebbuġ
- Naraw jekk hemmx interess għal ġbir tal-ħarrub, tut/cawsli

**Pubblikazzjonijiet**

- Ktejjeb fuq in-nicec tar-Reġjun
- Ktejjeb dwar il-karozzi tal-linja ta' dari
- Flip book bl-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa
- Flip book bl-attivitajiet tal-Milied

**Proġetti Oħra**

- Buzz Bee Game – Logħba dwar in-naħla Maltija li titqassam fl-iskejjel kollha tar-Reġjun

Is-Sindku qal li din l-inizjattiva qed iduru l-iskejjel u li fl-iskola primarja ta' Ħal Safi il-preżentazzjoni diġà kienet saret.

- Inizjattiva darba wahda fil-villaġġ
- Virtual Malta.com li se ttella' ritratti tal-postijiet storiċi fuq website.
- Arts Project għan-nies li jiffrekwentaw id-*Day Centres* tar-Reġjun.

- Konferenza dwar l-għana Maltija.
- Mixjiet Reliġjużi.

**2.9 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi e-mails mill-korrispondenza.

**2.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament, inkluż l-pagamenti kollha relata mal-iskema tal-Karnival.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk kienux raw l-aħħar disinn tal-pjanti tal-Pjazza. Huwa ghaddha kopja lill-Kunsilliera sabiex jarawha.

**2.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.30pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu, 2026 , fil-6:00 pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |